MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 908/2003

**Modesta sive Maudy Spiteri f'isimha stess u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Jean Paul Spiteri ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Settembru 2003 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-attrici, li jgib in-numru ta' l-iskrizzjoni 4812/1961, hawn anness u markat Dok. "MS1", fil-kolonna ntestata "Isem il-Wild", isem il-wild huwa ndikat bhala "Modesta";

Illi fic-certifikat taz-zwieg tal-attrici li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 1376/1986, hawn anness u market Dok. “MS2”, fil-kolonna ntestata “Isem u Kunjom”, isem l-attrici huwa ndikat bhala “Modesta”;

Illi fic-certifikat ta’ adozzjoni ta’ l-iben adottiv tal-attrici li jgib in-numru ta’ iskrizzjoni 5632/1994, hawn anness u markat Dok. “MS3”, fil-kolonna ntesta “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-omm”, isem l-attrici huwa ndikata bhala “Modesta”;

Illi l-attrici wzat minn dejjem u konsistentenment l-isem “Maudy” minflok l-isem “Modesta”, kif jirrizulta mid-dokumenti hawnhekk annessi u markati Dok. “MS4”, Dok. “MS5”, Dok “MS6”, Dok “MS7”, Dok “MS8”, Dok “MS9”, Dok “MS10”, Dok “MS11”, Dok “MS12” u Dok “MS13” kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza;

Illi l-familjari tal-attrici wzaw minn dejjem u konsistentement l-isem “Maudy” minflok l-isem “Modesta” matul is-snin biex isejhu lill-attrici u jirreferu ghaliha, kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna illi fic-certifikat tat-twelid tal-attrici, li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 4812/1961, hawn anness u markat Dok. “MS1”, fil-kolonna ntesta “Isem il-Wild”, isem il-wild jigi ndikat bhala “Maudy” minflok “Modesta”;

2. Tordna illi fic-certifikat taz-zwieg tal-attrici, li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 1376/1986, hawn anness u markat Dok. “MS2”, fil-kolonna ntesta “Isem u Kunjom”, isem l-attrici jigi ndikat bhala “Maudy” minflok “Modesta”;

3. Tordna illi fic-certifikat ta’ adozzjani ta’ iben addottiv tal-attrici, li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 5632/1994, hawn anness u markat Dok. “MS3”, fil-kolonna ntesta “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-omm”, isem l-attrici jigi ndikat bhala “Maudy” minflok “Modesta” u li l-bdil

effettiv kif fuq mitlub jigi rifless f'kull att ta' stat civili iehor tal-istess minuri;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda a fol 4 tal-process.

Rat il-lista tad-dokumenti esebiti a fol 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 4 ta' Settembru 2003, a fol. 19, fejn l-attrici talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex jogghobha tawtorizzah tirraprezenta lill-minuri *ad litem* fil-proceduri gudizzjari odjerni u f'dawk sussegwenti.

Rat id-digriet datat 5 ta' Settembru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti b'erbat ijiem zmien ghar-riposta.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fl-24 ta' Settembru 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici tletin (30) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista' permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 23 ta' Settembru 2003, a fol 24.

Rat id-digriet datat 24 ta' Settembru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba ghal digriet tal-affidavits attrici b'terminu ta' 30 gurnata.

Rat in-nota tal-attrici datata 9 ta' Dicembru 2003, a fol 29, li permezz taghha pprezentat l-affidavits taghha u ta' Mary Micallef.

Rat in-nota tal-attrici datata 7 ta' Jannar 2004, a fol 41, li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' Carmen Caruana.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 6 ta' Frar 2004, a fol 45, fejn espona bir-rispett:

1. Illi, fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi, fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti ta' l-Istat Civili specifikati mill-attrici fic-citazzjoni mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 46 u l-lista tax-xhieda a fol 47 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2004 fejn l-attrici rrimettiet ruhha ghall-provi u l-kawza giet posposta ghall-istess data ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid numru 4812/1961, fic-Certifikat taz-Zwieg numru 1376/1986 u fic-Certifikat tal-Adozzjoni ta' l-iben tal-attrici numru 5632/1994, f'dawn it-tlett certifikati isem l-attrici huwa dejjem indikatat bhala "Modesta" *stante* li l-istess attrici qed isostini li dejjem kienet maghrufa bl-isem ta' "Maudy" u mhux "Modesta" kif jinsab indikat fl-istess Certifikati.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-istess attrici, fis-sens illi gie ndikat erronjament l-isem "Modesta" meta fil-fatt l-isem korrett huwa "Maudy", u fil-

fatt mill-provi kollha prodotti u mid-dokumenti kollha esebiti jirrizulta li l-istess attrici dejjem kienet maghrufa u msejha bl-isem minnha llum indikat.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-premess, **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan li:-

1. Tordna illi fic-certifikat tat-twelid tal-attrici, li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 4812/1961, hawn anness u markat Dok. “MS1”, fil-kolonna ntesta “Isem il-Wild”, isem il-wild jigi ndikat bhala “Maudy” minflok “Modesta”;

2. Tordna illi fic-certifikat taz-zwieg tal-attrici, li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 1376/1986, hawn anness u markat Dok. “MS2”, fil-kolonna ntesta “Isem u Kunjom”, isem l-attrici jigi ndikat bhala “Maudy” minflok “Modesta”;

3. Tordna illi fic-certifikat ta' adozzjani ta' iben addottiv tal-attrici, li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 5632/1994, hawn anness u markat Dok. “MS3”, fil-kolonna ntesta “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-omm”, isem l-attrici jigi ndikat bhala “Maudy” minflok “Modesta” u li l-bdil effettiv kif fuq mitlub jigi rifless f'kull att ta' stat civili iehor tal-istess minuri;

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess attrici *proprio*, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------